**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 18 ta' Gunju 2025**

**<u>Rikors guramentat nru : 111 /2024 AGV</u>**

EX *proprio* u *nomine* għall-minuri bintha **DC**

**—vs—**

**DN C**

Il-Qorti ;

Rat ir- Rikors maħluf ta'  **EX** *proprio* u *nomine* għall-minuri bintha  **DC**

Bil-qima tgħid u taħlef:

1. Illi minn relazzjoni barra ż-żwieġ li r-Rikorrenti *proprio* kellha mal-Intimat, nhar it-12 ta' Lulju tas-sena 2019 fl-Isptar Mater Dei, Tal-Qroqq, l-Imsida, twieldet tifla li ngħatat l-isem DC  ,  ossia r-Rikorrenti *nomine*, hekk kif jixhed l-att tat-twelid tagħha maħruġ mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta hawn anness u mmarkat '**Dokument EX1**';

2. Illi l-Partijiet temmew ir-relazzjoni tagħhom madwar ġimgħa wara li twieldet binthom;

3. Illi nhar il-7 ta' Novembru tas-sena 2023, ir-Rikorrenti talbet lir-Reġistratur ta' din il-Qorti sabiex tgħaddi l-inkartament li għaddietlu bis-saħħa tal-ittra għal medjazzjoni nru 1265/2023 lis-Sezzjoni tal-Familja tal-Qorti Ċivili bħala l-Qorti kompetenti bis-setgħa li taħtar medjatur bil-għan li jintlaħaq ftehim bejn il-Partijiet bħala ġenituri dwar il-ħtiġijiet ta' binthom u dan kif irid tar-Regolament 4 et seq tar-Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja), Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi l-Partijiet ma resqux għal ftehim bil-miktub dwar il-ħtiġijiet ta' binthom u l-obbligi tagħhom lejha, u ma hemmx deċiżjonijiet minn din

il-Qorti dwar l-istess għajr għal digriet in atti mogħti kameralment minn din il-Qorti kif preseduta mill-Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima, *pendente litis* fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni 1265/2023 nhar id-19 ta' Jannar tas-sena 2024, li bis-saħħa tiegħu, l-Intimat huwa ordnat iħallas lir-Rikorrenti pro et noe s-somma ta' €200.00 fix-xahar bħala manteniment għall-ħtiġijiet tal-minuri binhom, oltre nofs (1/2) l-ispejjeż inkorsi mir-Rikorrenti proprio għas-saħħa u edukazzjoni tar-Rikorrenti nomine — kopja legali tal-imsemmi digriet bl-atti relattivi hawn anness u mmarkat **'Dokument EX2**';

5. Illi biss wara sessjoni waħda ta' medjazzjoni, il-Medjatur għaraf li l-Partijiet kienu wisq imbegħdin mill-*forma mentis* rispettiva tagħhom biex jaslu għal ftehim bonarju bejniethom dwar il-ħtiġijiet tal-minuri binthom, u sussegwentement, bis-saħħa ta' digriet mogħti kameralment minn din il-Qorti kif preseduta mill-Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima, fl-atti ta' ittra ta' medjazzjoni 1265/2023 nhar is-27 ta' Marzu, 2024, il-medjazzjoni ngħalqet u l-Partijiet huma awtorizzati li jressqu kawża— kopja legali tal-imsemmi digriet bl-atti relattivi hawn anness u mmarkat **'Dokument EX3**';

6. Illi l-Intimat assolutament ma jikkontribwixxix għall-ħtiġijiet ta' binthom, sew finanzjarjament kemm xort'oħra, u hekk ilu minn dakinhar li twieldet binthom sa dakinhar li ngħata d-digriet Dokument EX2, stante li l-mantiment li tirċievi r-Rikorrenti jitħallas lilha mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, ossia jinqata' direttament mill-benefiċċju jew iżjed li huwa intitolat għalih l-Intimat. Illi dan il-ħlas ta' manteniment tramite d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali huwa hekk ordnat li jiġi effetwat bis-saħħa tal-imsemmi digriet Dokument EX2;

7. Illi l-Intimat, b'għażla tiegħu, ma jeżerċitax aċċess għal bint il-Partijiet minkejja li r-Rikorrenti kienet repetutament tistiednu biex ikollu relazzjoni ta' bejn missier u bint ma' binthom, u ma rrikorriex għar-rimedju lilu mogħtu sabiex jaċċeta dan ġudizzjalment;

8. Illi l-Intimat ma għandux jistaħba wara, jew iġib bħala skuża, l-fatt li huwa qagħad u ma għandux qligħ minn okkupazzjoni stante li l-obbligi imposti fuqu bħala missier ta' wild minuri ma humiex dipendenti minn fatti bħal dawn;

9. Illi mal-piż finanzjarju li ġarret qabel id-digriet Dokument EX2, u għadha ġġorr unikament ir-Rikorrenti minħabba l-ħlas tal-ispejjeż oltre l-mantiment ordinajru pagabbli mensilment bir-rata fissa ta' €200.00, din il-Qorti għandha tqis ukoll li stante nuqqas ta' interess min-naħa tal-Intimat, il-minuri binthom tkun f'kull mument fil-kustodja effettiva tar-Rikorrenti u ta' qraba bħal ommha li magħha tirrisjedi, bil-limitazzjonijiet kollha imposti fuq ir-Rikorrenti b'konsegwenza ta' dan, u bl-infiq u spejjeż kollha li ġġarrabhom esklussivament hi stante li mal-Intimat missier binthom ma tkunx;

10. Illi jinsab paċifikament ritenut fil-ġurisprudenza nostrana mseja fuq il-Liġi statutorja kif interpretata mill-Qrati tagħna li ġenitur huwa obbligat iħares lil wildu, anke fejn dan it-tħaris jolqot il-ħtiġijiet finanzjarji tal-wild, irrispettivament mill-qagħda finanzjarja tal-ġenitur, u dan it-tagħlim meqjum daqstant jgħodd għall-arretrati ta' manteniment.

11. Illi oltre dan, ir-Rikorrenti ta' sikwit taffaċċja diffikultajiet u problemi bil-kunsens tal-Intimat minnu kappriċċożament miżmum għal diversi ħwejjeġ marbutin mal-aħjar interss tal-minuri binthom meta tkun

meħtieġa l-firma tiegħu għal, jingħad bħala eżempju, għanijiet ta' edukazzjoni tant illi bint il-Partijiet daħlet titgħallem l-iskola madwar tliet (3) xhur wara li fetħet għas-sena skolastika stante li l-Intimat irrifjuta li jiffirma l-kunsens tiegħu għal dan. Illi dawn id-diffikjultajiet jestendu wkoll għal ħruġ li torganizza l-iskola li b'hekk il-minuri jkollha titlef. Illi jingħad b'onestà wkoll li r-Rikorrenti ma għandhiex il-mezzi finanzjarji li kull darba tirrikorri għar-rimedju quddiem din il-Qorti;

12. Illi meqjus is-suespost, ir-Rikorrenti *proprio* se titlob ukoll lil din il-Qorti tafda l-awtorità ġenitorjali tar-Rikorrenti *nomine* esklussivament f'idejha;

**Għaldaqstant, fid-dawl tad-dritt u fatti kif hawn fuq edotti, ir-Rikorrenti pro et noe qiegħda bil-qima titlob lil din il-Qorti:**

**I. Tiddikjara illi l-Intimat bħala missier DC għandu l-obbligi kollha imposti fuqu ta' ġenitur b'effett mit-12 ta 'Lulju tas-sena 2019 ossia jum twelid l-imsemmija D C;**

**II. Tiffissa somma li l-Intimat għandu jħallas lir-rikorrenti EX fix-xahar bħala manteniment ordinarju għall-ħtġijiet ġenerali tal-minuri binthom ir-rikorrenti l-oħra D C ; u dan oltre nofs l-ispejjeż marbutin mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri binhom D C li l-Intimat għandu jħallas lir-rikorrenti Eleanor Xuereb fi żmien hekk determinat jew alternattivament tiffissa somma li l-Intimat għandu jħallas lir-rikorrenti EX fix-xahar bħala manteniment addizzjonali għas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri binthom ir-rikorrenti l-oħra DN C ;**

III. **Tillikwida somma li għandha tkun pagabbli mill-Intimat lir-Rikorrenti bħala arretrati ta' manteinment mit-12 ta 'Lulju tas-sena 2019 ossia jum twelid l-imsemmija DC , sat-19 ta' Jannar, 2024 ossia dakinhar li din il-Qorti kif preseduta mill-Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima, tat id-digriet *pendente litis* fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni 1265/2023;**

IV. **Tordna u tikkundanna lill-Intimat sabiex iħallas lir-Rikorrenti dik is-somma ta' arretrati ta 'manteinment kif stabbilita bis-saħħa tat-Talba Nru III fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti kif tħaseb li huwa xieraq li jitħallas bħala modalità u żmien;**

V. **Tordna li l-awtorità ġenitorjali fuq il-minuri DC tkun esklussivament f'idejn ir-rikorrenti ommha EX**

Bl-ispejjeż.

**Il- Qorti ;**

**Rat ir-risposta ta' DN C 12 ta' Gunju 2024;**

**Jesponi bil- gurament tieghu jiddikjara li ;**

1. Illi minn relazzjoni barra z-zwieg , ir-rikorrenti E X u l-intimat, kellhom wild, bl-isem ta' DC , nhar it- 12 ta' Lulju 2019;
2. Illi l-partijiet temmew r-relazzjoni taghhom ftit jiem wara t-twelid tat-tifla, u dan meta l-intimat sar jaf li ir-rikorrenti kienet ilha f' relazzjoni

ohra, ghal ahhar ghaxar snin , ma' ragel iehor li hu l-missier ta' wild iehor tar-rikorrenti ,

3. Illi minn dakinhar, li nfirdu l-partijiet, ir-rikorrenti omm ghamelt minn kollox sabiex icahhad l' missier mill-access ta' binthom DC tant li sal-gurnata tal-lum jghoddhom fuq subaghajh, l-ammont ta' drabi li huwa iltaqa' mal-minuri dejjem b' kumbinazzjoni,tant hu hekk , li r-rikorrenti ommha ,anka bghatet messaggi li l- intimat theddu li ha ggibu ta' ragel mentali sabiex ma jkunx jista jiehu lil binthom, dokument hawn anness bhala Dok. DC1

4. illi fuq qbil bjn il-partijiet l-intimat missier sa minn meta nfirdu l-partijiet u cioe jiem wara t-twelid tal-minuri DC l-intimat beda jiffavorixxi s-somma ta' mija u hamsin Ewro (€150) fix-xahar lir-rikorrenti omm bhala manteniment favur il-minuri filwaqt illi kien jaghmel xirjiet relatati mal-bzonnijiet tal-minuri u jikkontirbwixxi ulterjurment skont il-bzonn u ghalhekk ma jistax jaqbel ma' dak dikjarat fir-rikors tal-attrici fejnqed issostni li l-intimtat assolutament qatt kontribwixxa ghall-htigijiet ta' binthom mit-twelid ta' binthom sad-digriet tad- 19 ta' Jannar 2024 ;

5. illi wara li nfethet il-mediazzjonji 1265/2023, u wara li nghata digriet in atti moghti kamerment ,minn din il-Qorti kif preseuduta mill-Onor. Imhallef Jaqueline Padovani Grima pendente lite fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni Rikorrenti pro et noe s-somma ta' €200.00 fix-xahar bhala manteniment ghall-htigijiet tal-minuri binthom oltre nofs (1/2) l-ispejjez inkorsi mir-rikrrenti proporio ghas-sahha u edukazzjoni tal-minuri;

6. illi l-intimat jiddikjara illi huwa jiddependi minn beneficcju socjali ghal ghixien tieghu kif ukoll illi qabel id-digriet ta’ nhar 19 ta’ Jannar 2024 huwa kien jircievi madwar sitt mitt ewro (€600) f’ beneficcji filwaqt illi prezentment wara li beda jinqata l-manteniment direttament mill-beneficcji huwa jircievi s-somma ta’ tlett mija u tmienja u tletin (€338) illi ghalhekk l-intimat jitlob lil Onorabbli Qorti sabiex tikkunsidra illi huwa irid jghix u jhallas il-kera bis-somma ta (€338) fix-xahar;

7. illi a kurntraju ta’ dak allegat mir-rikorrenti, fir-rikors taghha, m’huwiex minnu li l-intimat ma jezercitax access ghal bint il-partijiet b’ ghazla tieghu izda li l-problemi ma ripetutament tistidnu biex ikollu relazzjoni ma ‘bintu u dan stante illi fil-verita’ dejjem ir-rikorrent li cahdet lill-missier mill-access ghal bint , tant illi lanqas ippermentitlu jattendi ghal maghmudija tal-istess minuri;

8. illi l-intimat ulterjurment jirrileva li mhuwiex minnu li huwa kappriccozament izomm il-kunsens tieghu meta jkun hemm bzonn il-firma tieghu izda li l-problema qed jigu kkawzati da parti tar-rikorrenti stante , illi hija qatt ma tikkomunika mieghu sabiex titlob il-firma tieghu rigward hrug li torganizza l-iskola filwaqt li jirrileva li l-iskola ghandhom ukoll d-dettalji tieghu sabiex jikkomunikaw jekk ikun hemm il-htiega illi apparti minn hekk l-intimat jinsisti li huwa qatt ma cahad illi jaghti il-kunsens tieghu ghal-ahjar interess tal-minuri;

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespsot, l-intimat DN C b`risposta ghat-talbiet jitlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti:

**illi a rigward tal-ewwel talba attrici** jigi sottomess illi ghalhekk huwa jaqbel illi huma missier il-minuri D C u li ghandu l-obbligi kollha imposti fuq bhala genitur b`effett mit-12 ta' Lulju 2019, ossia t-twelid tal-minuri D C huwa jirrileva li qatt ma naqas mill-obbligu tieghu ta' missier ghalhekk filwaqt illi l-intimat jaqbel li din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel talba l-attrici, din l-Onorabbli Qorti ghandha **TIKKUNSIDRA** LI L-intimat qatt ma cahad jew naqas mill-obbligu tieghu bhala missier.

**illi a rigward t-tieni talba** l-intimat ma jaqbilx li s-somma ffissata minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tigi varjata mis-somma ta mitejn Ewro €200. 0 fix-xahar bhala menteniment ghall-htiegjet tal-miunri binthom oltre nofs l-ispejjez ghas-sahha u edukjazzjoni tal-minuri u dan skond digriet moghti minn din il-Qorti kif preseduta mill-Onor. Imhallef Jaqueline Padovani Grima pendente fl-atti ta medjazzjoni 1265/2023 nhar 19 ta' Jannar 2024 u dan stante illi l-mezzi finanzjarji tal-intimat certament li ma jippermettux aktar minn hekk. Ghalhekk filwaqt illi l-intimat jaqbel li din l-Onorabbli Qorti, tilqa t-tieni talba sabiex jigi iffissat manteniment , ghax hu elst li jkompli jikkontribiwxxi ghal bintu minuri, jilob li dil-Onorabbli Qorti tikkusidra l-mezzi finanzjarji limtitati u s-sahha tal-intimat filwaqt li jitlob li s-somma prezentament iffissata tigi konfermata.

**illi a rigward tat-tielet u r-raba' talbiet attrici ,** l-intimat ma jaqbilx li s-somma ffissata minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tigi tillikwida somma li tkun pagabbli lir-rikorrenti bhala ulterjuri manteniment mit-12 ta' Lujlu 2019 sad-19 ta' Jannar 2024 ma jaqbilx illi din il-Qorti ghandha tordna lill-intimat sabiex ihallas ir-rikorrenti l-istess somma u dan stante illi l-intimat

qatt ma naqas milli jaghti manteniment lir-rikorrenti kif kien mifthiem bejnithom mit-twelid tal-minuri tad -digriet ta' din l-Onorabbli Qorti ta' nhar id-19 ta Jannar 2024 u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tad-digriet imsemmi dejjem hallas lill-omm is-somma ta' (€150) hekk kien miftehem verbalment bejn il-partijiet .Ghaldaqstant l-intimat jitlob lil Onorabbli Qorti **TICHAD** T-tielet u r-raba talbiet attric filwaqt illi **TIDDIKJARA** l-arretrati ta' manteiment gia mhallsa mill-intimat;

**illi b`referenza ghal hames talba tar-rikorrenti** l-intimat ma jaqbilx illi din l-Onorabbli Qorti ghabdha tordna l-kura u l-kustodja( jew awtorita' genitorjali skont it-talba tal-attrici), tal-minuri DC li tkun esklussivament f`idejn ir-rikorrenti ommha, EX u dan stante li l-missier qatt ma naqas mill-obbliu tieghu bhala missier izda gie michud minn access ghal-minuri mir-rikorrenti omm. Ghalhekk l-intimat jitlob l-Onorabbli Qorti TICHAD il-hames talba filwaqt illi TORDNA illi l-kura u l-kustodja tal-minuri DC ghnadha tibqa kongunta bejn il-partijiet;

**Fatti**

L-attrici tispjega li saret taf lill-konvenut meta kien jahdem ma' ċertu G li kien qed jaghmel xoghol fil-kamra tal-banju fid-dar taghhom. Minn hemm qabdu hbiberija, imbaghad bdew jiffrekwentaw lil xulxin. Bdew jiffrekwentaw lil xulxin iktar waqt li t-tfal taghhom kienu jkunu l-iskola u qabdu relazzjoni, fejn fiz-zmien minnhom iddeċidew li riedu tarbija u kienet inqabdet tqila.

Tghid li ghall-bidu ma kellhiex xi tgerger mill-konvenut peress li kien jattendi l-appuntamenti l-isptar maghha, iżda l-problemi l-iktar li bdew kien wara t-twelid tat-tifla D , peress li kienet titolbu ghall-flus ghall-htigijiet tat-tarbija u kien ighidilha li ma kellux minn fejn. Kienu ghamlu żmien joqoghdu ghandu, iżda dina r-rutina ma tantx damet.

Darba fost ohrajn kien qam filghodu u qallha li sejjer Mount Carmel. Minn fejn infurmawha li kienu ser izommuh ghal jumejn.

Waqt li l-konvenut kien qieghed jiġi rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli saret taf li kienet qed tmur tarah ċertu IM u meta kkonfrontatu kien qallha li dina tghix mieghu. Ciononostante, kienet ippruvat iżżomm kuntatt mieghu minhabba t-tifla u kien ġieli jiltaqa' maghhom bil-mohbi ta' dina M , iżda mbaghad kien waqaf hesrem kull kuntatt u kien anke bblukkjaha minn kull mezz ta' komunikazzjoni.

Ghalhekk spiċċa li kull responsabbilita' tat-tifla waqqghet fuqha, tant li ghalkemm kienet sabet impjieg meta t-tifla bdiet l-iskola, kienu spiċċaw keċċewha minhabba li kemm il-darba kien ikollha titlaq mix-xoghol minhabba li jkunu cemplu mill-iskola sabiex tmur ghat-tifla minuri.

Illum tikkonferma li ma tahdimx u tirċievi l-beneficcji soċjali. Tikkonferma ukoll li reċentement hadet passi kontra l-konvenut fejn il-Qorti ordnatlu sabiex ihallas manteniment ghall-htigijiet tat-tifla D. Dan il-manteniment tispjega qed tircevih direttament mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, peress li l-Qorti kienet awtorizzathom sabiex inaqqsu l-manteniment direttament mill-beneficcji soċjali li jirċievi l-konvenut.

Minhabba li naqsu li jaslu ghall-ftehim waqt il-medjazzjoni, l-attrici qed titlob li l-konvenut jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri, kif ukoll ihallas ghall-arretrati ta' manteniment mit-twelid tat-tifla D  sa meta l-konvenut gie ordnat ihallas manteniment.

L-attrici tinsisti li ghandha tinghata kura u kustodja esklussiva peress li l-konvenut qatt ma wera interess lejn bintu kemm fuq livell ta' ġenitur, kif ukoll fuq livell finanzjarju u kull meta jkollha bżonn il-firma jew awtorizzazzjoni tieghu qed issib hafna ntoppi.

2. Il-konvenut in kontro-ezami jikkonferma li ghalkemm it-tifla tieghu twieldet fit-12 ta' Lulju, 2019 u ghandha hames snin kien raha darbtejn biss.

Jikkonferma ukoll li minn mindu nfirdu kien ra lit-tifla diehla l-iskola l-ewwel darba ghax kien iffirmalha. Kien jaf li tattendi l-ewwel sena fl-iskola tal-Gvern tal-Floriana, iżda jghid ma jafx eżatt jekk it-tifla tbatix minn xi mard ghaliex m'ghandux aċċess u l-attrici ma thallix jara lit-tifla u iktar ghandha kuntatt mal-partner ta' ommha.

Ighid li ghalkemm jixtieq ikollu aċċess ghat-tifla ghandu wisq kawżi u jrid jikkoncentra fuqhom u oltre minn hekk ghandu l-ispejjes tal-post u jghix bil-beneficcji.

3. **Louis Buhagiar** ghan-nom ta' Jobs Plus ippreżenta l-Employment History tal-konvenut.[1]

---

[1] Dok. LB 1

4. **Sara Cuschieri**, ghan-nom tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ppreżentat informazzjoni dwar benefiċċji li rċevew il-partijiet minn meta twieldet it-tifla D fl-2019.[2]

Mid-dokumentazzjoni esebita ma setghetx tikkonferma jekk mill-beneficcji li qed jirċievi l-konvenut qed jitnaqqasx il-manteniment dovut lill-minuri.

5. **Mark Abela**, fil-kapacita' tieghu ta' Kap tal-Iskola San Gorg Preca, Floriana jikkonferma li l-minuri D hija studenta li tattendi l-iskola fejn huwa surmast u li ghar-rigward l-iskola dejjem kien hemm preżenti l-attrici.

## Konsiderazzjonijiet

### L-ewwel Talba

Illi dwar l-ewwel talba m'hemmx opposizzjoni da parti tal-konvenut li huwa missier il-minuri DC , li twieled mir-relazzjoni li kellu mal-attrici u bhala konsegwenza ghandu l-obbligi imposti fuqu bhala ġenitur mid-data tat-twelid tal-imsemmi minuri.

### It-Tieni Talba

L-attrici qiedgha titlob li tinghata manteniment ghall-minuri D, flimkien man-nofs l-ispejjes tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri.

Fid-19 ta' Jannar, 2024, wara rikors li ppreżentat l-attrici fl-atti tal-medjazzjoni, il-Qorti, kif diversament ippreseduta ordnat lill-konvenut

---

[2] Dok. SC 1

sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta’ €200 fix-xahar bhala manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri, oltre nofs l-ispejjes ghas-sahha u edukazzjoni tal-istess minuri.

Fl-istess digriet taghha, dina l-Qorti, kif diversament ippreseduta kkonkludiet li minn naha hemm l-attrici li qed terfa’ l-piz finanzjarju wahedha, filwaqt li l-konvenut jikkontesta li ghandu jhallas manteniment gholi stante li jghix mill-beneficcji soċjali. Il-Qorti marret oltre u enuncjat “***illi mis-sentenza tal-Bord tal-Kera li giet ezebita mill-intimat stess, jirrizulta li qabel ma marad, l-intimat missier kien mahkum bil-vizzju tad-droga....***

***In vista tas-suespost, dina l-Qorti tqis li l-ammont ta’ mitejn Euros (€200) bhala manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri bint il-partijiet huwa ammont gust u ekwu. In effett, din ir-retta alimentari hija l-manteniment minimu biex jiġi salvagwardjat l-ghixjien deċenti ta’ minuri.”***

Il-Qorti tqis li fl-evaluwazzjoni tal-q*uantum* ta’ manteniment trid dejjem tikkunsidra l-mezzi tal-persuna li minnha qed jintalab il-manteniment, kif ukoll il-bzonnijiet tal-persuna li qed titlob l-istess manteniment.

Il-Qorti tqis li mid-digriet li nhareg minn dina l-Qorti, kif diversament ippreseduta fid-19 ta’ Jannar, 2024, u r-raguni li fuq ibbażat l-istess digriet ma jidhirx li hemm xi bdil fic-cirkostanzi. Il-konvenut ghadu jghix mill-beneficcji soċjali, li sakemm beda jitnaqqas il-manteniment ghall-minuri D, kien jammonta ghal cirka €600 fix-xahar u dan issa rriduca ruhu ghall-ammont ta’ €338, li minnhom irid ihallas il-kera tal-post u ighix ukoll. Dan

l-ammont gie kkonfermat mir-rapprezentanta tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

L-attrici ukoll tghix mill-beneficcji soċjali peress li kull meta ppruvat tahdem sabet hafna ntoppi peress li qed trabbi l-istess minuri wahedha u jekk icemplulha mill-iskola tkun trid thalli kollox minn idejha u tigborha, tant li meta kienet sabet impjieg, l-imghallem kien keciha.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tapprezza li l-mezzi finanzjarji tal-konvenuta huma llimitati hafna, filwaqt li l-attrici qiedgha f'posizzjoni li ma tistax tfendi ghar-rasha finanzjarjament ghaliex il-hajja lavorattiva taghha hija llimitata minhabba t-trobbija ta' binthom wahedha. Inoltre, il-konvenut ma ressaqx ebda provi sabiex jirribatti dan id-digriet.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tqis li d-digriet tad-19 ta' Jannar, 2024 huwa gust u jimmerita kkonferma.

**<u>Arretrati ta' Manteniment</u>**

L-attrici qiedgha ukoll tippretendi li tithallas lura l-arretrati ta' manteniment u dan mid-data tat-twelid tal-minuri fit-12 ta' Lulju, 2019.

Fir-Risposta Guramentata tieghu, il-konvenut jopponi ghal dina t-talba stante li jinsisti li dejjem ikkontribwixxa lejn il-manteniment tal-minuri u qabel il-medjazzjoni kien ighaddi lill-attrici s-somma ta' €150 fix-xahar u nsista li seta' jipprova dan, iżda fil-mori tal-proceduri, baqa' ma ppreżenta ebda xhieda sabiex jirribatti dawn l-allegazzjonijiet.

Fin-nuqqas ta' provi, dina l-Qorti trid temmen il-verzjoni attriċi u għalhekk tikkunsidra li l-konvenut għandu jkun responsabbli sabiex iħallas għall-arretrati ta' manteniment, li stante li dejjem kien u jibqa' missier il-minuri D, irrispettivament mill-qagħdha finanzjarja tiegħu, jibqa' l-fatt li għandu l-obbligu li jmantni lil bintu.

Għaldaqstant, dina l-Qorti tikkonferma li t-talbiet attriċi għall-ħlas ta' arretrati ta' manteniment għandha tiġi akkolta, b'dana li l-konvenut għandu jħallas manteniment fis-somma ta' €200 sa mit-12 ta' Lulju, 2019 sad-19 ta' Jannar, 2024 meta nħareġ id-digriet ta' dina l-Qorti - €200 x 54 xahar = **€10, 800.**

**Awtorita' Ġenitorjali**

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-attrici hija l-ġenitur li dejjem preżenti għall-minuri u tieħu ħsieb it-trobbija tagħha. Il-konvenut jittanta jwaddab it-tort fuq l-attrici, fejn jilmenta li ma tħallix jara lil bintu u wara t-twelid tat-tifla kien sar jaf li l-attrici kienet għadha qed tiltaqa' mal-ex għarus tagħha. Madanakollu, in kontro-ezami jammetti li m'għandux ċans għall-bintu minħabba d-d-diversi kawżi li għandu pendenti quddiem il-Qorti.

Minkejja li l-konvenut kien jaf certi dettalji in kwantu l-edukazzjoni tat-tifla, il-Qorti mhi konvinta xejn li hemm xi forma ta' kooperazzjoni da parti tal-konvenut, anke jekk jinsisti li jipprova jikkuntatja l-iskola u mill-ħames snin li għandha kien raħa xi darbtejn forsi tlieta u dan kien peress li kien jeħtieġ jiffirma sabiex it-tifla minuri tkun tista' tibda l-iskola.

Il-Qorti f'deċizjonijiet bħal dawn trid tpoġġi l-ewwel u qabel kollox l-interess tat-tfal u fiċ-ċirkostanzi tħoss li tkun inġustizzja jekk kemm il-darba tħalli l-

awtorita' governattiva f'idejn il-konvenut u ghalhekk filwaqt li tikkonferma l-kura u kustodja ghandha tkun esklussiva ghall-attrici, l-istess ghandu jkun ghall-awtorita' genitorjali u dan meta l-minuri ilha tghix mal-attrici ghal dan iz-zmien twil u fl-istess waqt il-konvenut ma joffri ebda alternattiva ohra.

**Decide**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti taqta' u tiddeċiedi bili:-

1. Tilqa' l-ewwel talba ttrici u tiddikjara li l-konvenut huwa missier il-minuri D li twieldet fit-12 ta' Lulju, 2019.

2. Tilqa' t-tieni u t-tielet talba skond kif deċiż fl-intestatura "It-Tieni Talba."

3. Tilqa' r-raba' talba attriċi u tordna li l-konvenut ihallas l-arretrati ta' manteniment ghall-minuri u dan skond kif deċiż fl-intestatura "Arretrati ta' Manteniment."

4. Tilqa' l-hames talba attriċi u tordna li l-awtorita' genitorjali tkun esklussivament f'idejn l-attrici .

**L-ispejjez ta' dina l-kawza ghandhom jiġu sopportati interament mill-konvenut.**

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**